ŻEBBUĠ

**<u>MINUTI</u> tas-Seduta Nru. 30/09**

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Zebbug**

**Data: It-Tlieta, 20 ta' Jannar 2009**

**Hin: Fit-8.30 ta' filghodu**

**Prezenti ghall-laqgha:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Vici Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Ezekuttiva.**

Il-Kunsillier is-Sur Harry Debono kien skuzat.

Ippresjeda l-laqgha s-Sindku Carmelo Saliba.

Intqalet talba mis-Sindku u nghata bidu ghall-laqgha.

## Approvazzjoni tal-Minuti 29/08

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 29/08 gew cirkulati minn qabel, dawn gew meqjusa bhala moqrija.

Is-Sindku talab ghal xi korrezzjonijiet li setgha kien hemm ghall-minuti.

Il-Vici Sindku rrefera ghall-Pg 3 para. nru. 3 dwar Triq ic-Cnus u qal ghandu jitnizzel fil-minuti li hu kien qieghed jirreferi ghat-tarmak imwieghed u li ghadu ma sarx. Ittiehdet nota ta' dan fil-minuti.

Is-Sindku talab ghall-approvazzjoni tal-minuti kif emendata u staqsa ghal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minhabba li kien jidher li kulhadd kien favur, dawn il-minuti gew approvata kif emendata u ffirmata.

## Punti li johorgu mill-minuti 29/08

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

Dwar l-attivitajiet li kienu se jsiru bejn it-23 u l-25 ta' Jannar gewwa Marsalforn, il-Kunsillier Refalo lmenta ghall-fatt li hu kien ghad m' ghandux programm ta' l-attivitajiet. Is-Sindku ghaddilu kopja tal-programm izda Refalo, dan irrifjutah.

Inqara r-rizultat tal-Kompetizzjoni ghall-isbah presepji. Is-Sindku ppropona li l-premijiet jinghataw f' wahda mill-attivitajiet li kienu se jsiru gewwa Marsalforn. Ma kienx hemm qbil mal-proposta tas-Sindku.

Il-Vici Sindku ppropona li jinghata rikonoxximent lil David Xuereb ghall-presepju tieghu.

## korrispondenza

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:-

Ittra mibghuta mid-Dipartiment ta' l-Artijiet dwar applikazzjoni ta' Dione Lautier ghal tqeghid ta' mwejjed u siggijiet fi Triq il-Port. Il-Kunsill oggezzjona li l-passagg ghall-*pedestrian*s jinzamm fuq in-naha ta' barra tal-bankina. Gie deciz li nibghatu lid-Dipartiment dwar dan.

Ittra mibghuta mill-Fondazzjoni Oasi dwar il-festival Riflessi Sajfin 2009. Is-Sindku rtira mill-laqgha minhabba ragunijiet personali u qal li ma kienx se jiehu sehem fid-diskussjoni. Gie deciz li kien ghadu kmieni wisq biex tittiehed decizjoni.
Is-Sindku dahal ikompli l-laqgha.

Ittra mibghuta minn James Said fejn talab l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill biex jarma l-*bumping cars* fil-*car park* ta' Marsalforn.
Il-Kunsillier Refalo qal hu ma jaqbilx li jinghata permess. Qal il-*car park* qieghed hemm ghall-karrozzi u jekk irid jarma, jikri bicca raba' minghand il-privat.
Is-Sindku qal hu mhux f' pozizzjoni li jiehu decizjoni.
Decizjoni ma ttiehditx.

Is-Seduta kienet sospiza biex residenta tindirizza lill-Kunsill.

Is-Seduta tkompliet.

Ittra mibghuta mill-Kumitat Olimpiku Malti dwar il-partecipazzjoni tal-Kunsill fil-kompetizzjoni Sports ghal Kulhadd.

Ittra ta' J. Attard dwar hajt tat-triq imwaqqa' fi Triq Habel it-Twil. Nghaddu l-ilment lill-Ministeru ghal Ghawdex.

Korrispondenza ta' l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar maratona ta' futboll fil-Marsa Sports grawnd.

Is-Sindku tkellem dwar seminar li attenda u li sar mill-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar il-fondi tal-UIF. Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li jibghat lill-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dawn ir-rakkomandazzjonijiet:-

(i) Progetti tal-Kunsilli Lokali approvata mill-MEPA izda li jinsabu barra zoni ta' zvilupp (ODZ) ikunu kwalifikata ghall-finanzjament minn dan il-Fond.
(ii) Il-bini ta' bankini godda fil-lokalita` ghandhom jikkwalifikaw ukoll.

Stima ta' l-Ing. Curmi ghal twahhil ta' fanali dekorattivi fil-passagg li mill-*area* ta' Taht ix-Xifer jaghti ghall-Bajja tal-Qbajjar. Il-Kunsill approva l-istima.

## Komunikazzjonijiet mill-kunsilliera

Is-Sindku gharraf lill-Kamra li gie appuntat mill-Ministeru ghal Ghawdex fl-*adjudicating board* tal-progetti ta' Marsalforn.

Il-Kunsillier Refalo talab informazzjoni dwar programm li xxandar fuq Radju RTK bi prezentazzjoni tas-Sur Vincent Theuma Scerri u li ghalih kienu prezenti s-Sindku u l-Kunsillier Debono. Gie deciz li tintbaghat ittra lill-RTK fejn nistaqsu min kien mistieden ghal dan il-programm ghall-Kunsill.

**Attivitajiet gewwa Marsalforn 23-25 ta' Jannar 2009**

Il-Kunsillier Refalo talab lis-Sindku biex jaghti spjegazzjoni dwar kif kienu qed isiru certu affarijiet.
Is-Sindku ta spjegazzjoni shiha.

Il-Kunsillier Refalo qal intefgha xi gebel fi Triq Ghajn Mhelhel u dan kien ta' periklu.

## Approvazzjoni tal-kontijiet

**Dawn il-pagamenti gew approvata:-**

*Cards* tal-*mobile phones* tal-Kunsillieri (The Majestic) €150.00
*Fuel* – Konferenza Stampa dwar 'Arti, Kultura u Fidi' Berga ta' Kastilja
(is-Sindku Carmelo Saliba) €25.00
Servizzi ta' garr ta' flus – Dicembru 2008
(Group 4S Malta Ltd) €22.69
Armar tat-tizjin tal-Milied u dekorazzjonijiet godda
(Kumitat Armar Santa Marija) €964.00
*Fuel* u ikel - Laqgha dwar il-fondi tal-UIF, MEPA u attivita` tat-TCTC
(is-Sindku Carmelo Saliba) €43.43
*Fuel* – Bdil ta' awguri ghall-ewwel tas-sena, Valletta

| | |
|---|---|
| (is-Sindku Carmelo Saliba) | €25.00 |
| Ritratti ghall-wirja (Captured Memories) | €438.00 |

Is-Sindku gharraf lill-Kamra li l-wirja dwar Marsalforn kienet se ssir fil-genb tal-Knisja ta' Marsalforn. Qal li dawn ir-ritratti kien gabarhom minghand Victor Attard, Harry Debono u Joe Zammit u li dawn il-kopji tar-ritratti huma proprjeta` tal-Kunsill Lokali.
Il-Kunsill iddecieda li jinkludi wkoll xi ritratti mill-kollezzjoni tas-Sur Joe Bajada.

| | |
|---|---|
| CCTV u apparat iehor relatat (Eagle Security Systems) | €1,350.23 |
| Installazzjoni tas-CCTV (Eagle Security Systems) | €314.91 |
| Servizz ta' kurrier (Gozo Express Services Ltd) | €59.00 |
| Hlasijiet dovuta lill-MEPA - applikazzjoni ghal bini ta' centru civiku f' Marsalforn (MEPA) | €134.70 |
| Tindif u zamma tal-latrina pubblika taz-Zebbug – Dicembru 2008 (Nancy Cefai) | €143.84 |
| Tindif u zamma tal-*playing field* u l-*promenade* tal-Qbajjar – Dicembru 2008 (John Zammit) | €332.08 |
| Gbir ta' l-iskart domestiku u tbattil u tindif ta' l-i*skips* – Novembru – Dicembru 2008 (Louis Attard) | €8,113.78 |

Il-Kunsill iddecieda li ghax-xitwa, wiehed mill-i*skips* tal-*car park* ta' Marsalforn jittella' fi Triq iz-Zebbug.

| | |
|---|---|
| Tindif tat-toroq, gbir ta' *bulky refuse* u tindif u zamma tal-latrini ta' Marsalforn – Novembru 2008 (Dipartiment ta' l-Indafa Pubblika) | €1,738.94 |
| *Contracts Manager fee* – Novembru 2008 (Fortunato Mifsud) | €67.57 |
| Konsum u kera tal-linji tat-telefons (GO) | €244.46 |
| Xoghol ta' tindif f' Dahlet il-Wied tal-Grazzja (Richard Axiaq) | €50.00 |
| Kera ghas-sena 2009 tal-bini tal-Kunsill f' Marsalforn (Dipartiment ta' l-Artijiet) | €335.43 |
| Stampar ta' kalendarji (B.C.D. Printing Ltd) | €574.46 |
| Librara – servizzi ta' Dicembru 2008 (Joanne Grima) | €42.74 |
| Tindif ta' l-ufficini tal-Kunsill – Dicembru 2008 (Salvina Bajada) | €48.93 |
| Kiri u tbattil tal-*bins* tal-*bring-in site* – Novembru 2008 (WasteServ Malta Ltd) | €287.02 |
| Tindif u zamma tas-*soft areas* – Ottubru – Dicembru 2008 (Dipartiment ta' l-Agrikoltura) | €306.03 |
| Kiri tas-sala tac-Centru Parrokkjali – *party* tat-tfal (Parrocca Santa Marija) | €70.00 |
| *Drinks* ghall-*party* tat-tfal (Baschalino Cefai) | €79.00 |
| Servizz ta' *minibus* ghat-tfal ta' Marsalforn – *party* tat-tfal (Felix Cini) | €22.00 |
| 3 Slaten magi (Mary Rose Saliba) | €600.00 |
| Tabelli tat-traffiku (Raphael Refalo) | €677.79 |
| Tabelli ghall-*playing field* u l-*promenade* tal-Qbajjar (Raphael Refalo) | €368.00 |

Trasport ghat-tfal ta' l-iskola primarja – Dicembru 2008
(Felix Cini) €57.42

## Il-website tal-kunsill lokali

Is-Sindku qal naraw li l-*website* tal-Kunsill tkun aggornata sal-laqgha li jmiss.

## Karnival 2009

Il-Kunsill qabel li jorganizza attivita` tal-Karnival is-Sibt il-21 ta' Frar.
Gie deciz li jiehdu sehem il-Banda Santa Marija (7.00pm – 8.30pm) u l-kantant Freddie Portelli.

Il-Kunsill approva li jwahhal *floodlights* fil-grawnd ta' l-Iskola.

Is-Seduta kienet sospiza biex saret il-laqgha ghall-applikanti tar-rampi.

Is-Seduta tkompliet.

## Hinijiet ta' l-ufficcju tal-kunsill

Il-Kunsill iddecieda dawn il-hinijiet ta' l-ufficcju:-

§ is-sena kollha minbarra Awissu – mit-8 ta' filghodu sa l-4.30 ta' filghaxija, b' nofs siegha *break* (minn nofs siegha sas-1 ta' wara nofsinhar).
§ f' Awissu biss, mit-8 ta' filghodu sas-1.30 ta' wara nofsinhar, bla *break*).

## ilmenti

Ilment 88/2008 – Daniel Galea
Ilmenta li f' Marsalforn, hemm diversi bankini ngumbrata b' oggetti. Nghaddu l-ilment lill-Kumitat Kongunt tal-LES.

Ilment 89/2008 – Anna Cini
Talbet biex isir xoghol ta' *patching* quddiem ir-residenza nru. 5 fi Triq is-Sellum. Il-Kunsill approva xoghol ta' *patching*.

Ilment 91/2008 – Salvina Galea
Talbet biex:-

§ jinbidel il-bank tal-gebel li hemm quddiem ir-residenza 8B fi Triq il-Ponta. Gie deciz li ssir *site visit*.
§ jitwahhlu fanali dekorattivi fi Triq il-Ponta (fil-pjazzetta).

Ilment 94/2008 – Toni Farrugia

Issir il-manutenzjoni tat-triq quddiem 'Veduta tal-Wied' fi Triq Mons Guzeppi De Piro.

Ilment 95/2008 – Joseph Magro
Talab biex isir *testing* fuq l-apparat ta' l-antenni kollha li hawn fir-rahal. Gie deciz li jintalab parir legali dwar l-antenna li twahhlet fuq ir-residenza privata ta' Magro.

Ilment 96/2008 – is-Sindku Carmelo Saliba
Ghandu talba biex titwahhal lampa gdida fi Triq Lifurna kantuniera ma' Triq il-Qolla s-Safra. Gie deciz li ssir *site inspection* ma' ta' Galea Curmi Engineering Consultants.

Ilment 01/2009 – is-Sindku Carmelo Saliba
Ghandu talba biex l-isqaq faccata tar-residenza 'Merhba' fi Triq Ghajn Mhelhel jinkesa bi *stenciled concrete*. Naraw jekk l-isqaq hux privat jew pubbliku.

Il-Kunsill iddecieda li l-Hamis id-29 ta' Jannar 2009 fil-bini tieghu ssir laqgha mal-Kunsill Lokali ta' l-Imqabba.

Dwar il-hajt approvat ghal Triq Ghajn Mhelhel, gie deciz li l-hajt jittella' minn isfel.

Il-laqgha ntemmet f' nofsinhar. Il-Kunsill Lokali ftiehem li laqgha ohra tinzamm nhar l-Erbgha, 11 ta' Frar 2009 fit-8.30 ta' filghodu.

| | |
|---|---|
| **Carmelo Saliba CLJ** | **Diane Tagliaferro** |
| ***Sindku*** | ***Segretarja Ezekuttiva*** |